

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16252/25

ENV 1316
CLIMA 575
COMPET 1280
IND 566
AGRI 668
FOOD 112
PECHE 430
ENER 642
MI 995
ENT 270
MAP 151
RECH 534

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Qafas strateġiku għal bijoekonomija tal-UE kompetittiva u sostenibbli
- Skambju ta' fehmiet

1. Fis-27 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija tal-UE Kompetittiva u Sostenibbli¹, li għandha l-għan li żżid l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli mill-art u l-baħar u tipprovdi alternattivi għall-materja prima kritika, u b'hekk tippermetti lill-UE timxi 'l quddiem lejn ekonomija aktar ċirkolari u dekarbonizzata.

¹ 16071/25 - COM(2025) 960 final + ADD1.

2. Sabiex tiggwida l-iskambju ta' fehmiel fuq l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) tas-16 ta' Diċembru 2025, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u żewġ mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza u jibagħtu lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiel imsemmi hawn fuq.

Qafas strateġiku għal bijoekonomija tal-UE kompetittiva u sostenibbli

- Skambju ta' fehmiet -

Dokument ta' informazzjoni tal-Prezidenza b'mistoqsijiet għall-ministri

Fis-27 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat "Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija tal-UE Kompetittiva u Sostenibbli".¹

Il-viżjoni fl-Istrateġija dwar il-Bioekonomija hija li sal-2040, il-materjali u l-prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli jintużaw b'mod mifruq fl-UE, u b'hekk il-bijosoluzzjonijiet isiru kompetittivi. L-Istrateġija tiffoka fuq it-titjib u l-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' swieq pilota, l-iżgurar ta' bijomassa fornuta b'mod sostenibbli u l-isfruttar ta' sħubijiet u opportunitajiet globali.

F'diversi okkażjonijiet, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen identifikat il-bioekonomija bħala kruċjali biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet sostenibbli għal xi wħud mill-akbar sfidi li għandna, inkluż il-prosperità sostenibbli, it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi, it-telf tal-biodiversità, u l-kisba tal-għan li l-Ewropa ssir newtrali għall-klima sal-2050.

L-eks President tal-Bank Ċentrali Ewropew, Mario Draghi, enfasizza l-bioekonomija bħala mutur ewlieni fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, fl-avvanz fil-prattiki tal-ekonomija ċirkolari, fil-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi, u fil-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea għal ekonomija sostenibbli u kompetittiva. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 u l-Aġenda Strateġika 2024–2029 enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żviluppata ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, jiġi promoss l-iżvilupp industrijali ta' teknoloġiji nodfa, u jiġi realizzat b'mod sħiħ il-potenzjal tal-bioekonomija.

¹ 16071/25 + ADD 1.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2023, il-Kunsill appella wkoll għall-mobilizzazzjoni taż-żoni rurali u kostali permezz tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur ġodda.

Id-dipendenza attwali fuq ir-riżorsi fossili għall-enerġija, il-fertilizzanti, is-sustanzi kimiċi u l-materjali tirrappreżenta sfida ġeopolitika u strateġika. Ir-*Rapport ta' Progress tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijekonomija* mill-2022 ikkonkluda li l-UE x'aktarx tiffaċċa diskrepanza fid-disponibbiltà tal-bijomassa ta' 40–70 % sal-2050. Madankollu, l-UE bħalissa hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti fil-provvista tal-bijomassa (madwar 90 %²) u għandha l-mezzi biex tibqa' hekk, dment li jiġu implimentati miżuri koerenti fit-tul li jżommu l-kapaċità produttiva, is-saħħa tal-ekosistema, u r-reżiljenza tar-riżorsi maż-żmien. L-għan tal-qafas strateġiku għall-bijekonomija huwa li jistabilixxi dawn il-miżuri filwaqt li jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-Unjoni kif ukoll għall-impjiegi, il-kompetittività, l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, fosthom l-oġġettivi klimatiċi, u l-miri tal-bijodiversità u dawk ambjentali tagħha.

Il-ministri mistiedna jirriflettu dwar il-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin għall-iskambju ta' fehmiet fil-Laqgħa tal-Kunsill Ambjent:

- X'inhuma l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin biex tiġi żgurata bijekonomija reżiljenti fit-tul b'forniment sostenibbli, u li tkun kompetittiva u ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali?
- L-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijekonomija fiha biżżejjed elementi biex tinkiseb il-viżjoni tal-Bijekonomija Ewropea fl-2040? Jekk le, liema elementi huma neqsin, fil-fehma tagħkom?

² JRC, EU Biomass supply, uses, governance and regenerative actions, 2025.